**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 10.05.09: Il-ĦAMES ĦADD TA' L-ĠĦID.**
**JUM L-OMM**
Xieraq li llum niftakru fl-ommijiet kollha, kemm dawk li mietu u anke li għadhom ħajjin. L-isbaħ rigal huwa li nuru sinjal ta' mħabba u ta' rikonoxxenza u nitolbu għalihom.
Il-ġabra li ssir illum hija għar-restawri tal-Knisja.
Fid-9.00a.m. quddiesa għall-Anzjani f'Ta' Pinu.

**IT-TLIETA, 12.05.09: JUM DINJI TA' TALB MINN NISA KATTOLIĊI.**
F'din l-okkażjoni se ssir laqgħa għan-Nisa kollha fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattoolika, Victoria. Is-suġġett se jkun Nibnu Kultura ta' Paċi. Ikun hemm ukoll konċelebrazzjoni minn Mons. Isqof Mario Grech. Il-Ħin se jkun fid-9.00a.m.
**Fis-7.30p.m**. issir l-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla : (Lectio Divina).
Tkun fid-Dar Parrokkjali. Kulħadd huwa mistieden biex jieħu sehem f'din il-laqgħa madwar il-Kelma ta' Alla.

**L-ERBGĦA, 13.05.09:** Tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' Fatima.
Fis-7.00p.m. quddiesa bl-0melija dwar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca

**IL-ĦAMIS, 14.05.09:** Festa ta' San Mattija Appostlu

**IL-ĠIMGĦA, 15.05.09: Fil-4.30p.m.** se nagħmlu ftit ħin ta'
**IRTIRI GĦAT-TFAL TA' L-EWWEL TQRABINA.**
Dan se jkun fid-Dar Parrokkjali

Il-ġenituri tat-tfal li din is-sena se jirċievu s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina huma mitluba sabiex jibgħatu t-tfal tagħhom għal dan l-ftit ħin ta' tħejjija spiritwali għal dan is-Sagrament.

**IS-SIBT, 16.05.09: RALLY GĦALL-MEMBRI KOLLHA TA' L-GĦAQDIET U MOVIMENTI KATTOLIĊI.**
Se jsir Rally għall-membri kollha ta' -Għaqdiet u Mivimenti Kattoliċl ta' Għawdex.bħala parti mil-esperjenza tal=-Missjoni Djoċesana. Dan se jkollu bħala skop it-tiġdid ta' dawn l-Għaqdiet.
Dan se jkun f'Dar Manresa u jibda **fid-8.45a.m.**
Il-membri kollha ta' l-Għaqdiet huma mitluba biex jattendu.

**IL-ĦADD, 17.05.09: IS-SITT ĦADD TA' L-GĦID**
Illum se jkun hawn f'Għawdex Grupp Teatrali li huwa minn Pisoniano u jtella musical dwar l-Appostlu San Pawl . Dan se jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija u jibda fil-5.30p.m. Kulħadd huwa mistieden biex jattendi. Dan il-Grupp se jkun akkompanjat mil-Isqof tal-Post.

**AVVIŻ MILL-ISKOLA**
Is-Surmast ta' l-Iskola javża li dawk l-ġenituri li għandhom uliedhom biex jidħlu fil-kinder, għandhom imorru l-iskola biex jiktbu lill-uliedhom mill-iktar fis possibbli.

**KLABB TAS-SAJF**
L-Oratorju Don Bosco se jerġa jorganizza il-Klabb Sajf għat-tfal bejn il-5 snin u t-13-il sena. Il-ġranet ikunu it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa.

**DUTTRINA**
Nhar it-Tnejn, nerġgħu nibdew it-tagħlim tad-duttrina fit-7.45a.m..